MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 1099/2001/1

**Fiona Mifsud**

**vs.**

**Adel Mohammed**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-28 ta' Dicembru, 1996, hekk kif jirrizulta mic-certifikat anness u mmarkat bhala Dok. "A";

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

Illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew wahda aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga;

Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u skond it-termini tal-**artikolu 19 (1) (g) u/jew (d) u/jew (f) ta’ l-Att XXXVII tan-1975** li jirregola z-zwigijiet.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

1. Illi l-kontendenti zzewwgu fit-28 ta’ Dicembru, 1996, hekk kif jirrizulta mic-certifikat anness u mmarkat bhala Dok. “A”.

2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew wahda aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga;

4. Illi ghal dan iz-zwieg il-partijiet rabtu l-kunsens taghhom ma’ kondizzjoni li tirreferi ghall-fattur kif ser ikun ammpjament ipprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Illi ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini ta’ l-**artikolu 19 (1) (g) u/jew (d) u/jew (f) ta’ l-Att XXXVII tan-1975** li jirregola z-zwigijiet.

6. Illi, ghalhekk qeghda ssir din il-kawza sabiex jigi dikjarat null iz-zwieg ikkontrattat bejn il-partijiet.

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4. tal-process;

Rat in-nota ta’ Fiona Mifsud tat-18 ta’ Settembru, 2001 fejn permezz taghha l-attrici pprezentat l-affidavit taghha stess, dak ta’ ommha u dak ta’ missierha:

Rat il-verbali tas-7 ta’ Mejju 2002, fejn il-kawza giet differita ghan-notifika tal-konvenut ghat-30 ta’ Ottubru 2002; tat-30 ta’ Ottubru fejn Dr. Anthony Ellul ghall-attrici talab li ssir il-pubblikazzjoni skond **artikolu 187(3) tal-Kap 12** u l-Qorti laqghet it-talba b’dan li l-pubblikazzjoni ssir f’gazzetta lokali wahda u l-kawza giet differita ghan-notifika tal-konvenut; tal-5 ta’ Frar, 2003 fejn Dr. Anthony Ellul informa lill-Qorti li m’ghandux aktar provi u li n-notifika saret regolarment fis-7 ta’ Novembr, 2002 u li ma kienx hemm bzonn li ssir skond l-**artikolu 187 (3) tal-Kap 12** u l-Qorti rrevokat contrario imperio d-digriet taghha tat-30 ta’ Ottubru, 2002.

Rat li l-konvenut gie notifikat personalment fis-7 ta’ Novembru 2002 kif jidher a tergo ta’ fol. 27 tal-process, u baqa’ ma pprezenta l-ebda nota tal-eccezzjoniiet u lanqas deher ghall-kawza u ghalhekk baqa’ kontumaci.
Rat in-nota ta’ l-attrici Fiona Mifsud tas-26 ta’ Novembru, 2002 fejn permezz taghha tiddikjara li m’ghandhiex aktar provi xi tressaq.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KOSTATAZZJONIJIET.</u>

### <u>ii) PROVI PRODOTTI.</u>

Illi l-**attrici Fiona Mifsud** fl-affidavit taghha stess pprezentat fit-18 ta’ Settembru 2001 issostni:-

*“Illi fit-28 ta' Dicembru, 1996, jien izzewwigt lil Adel Mohamed. Ahna zzewwigna bir-rit civil biss u minn dan iz-zwieg kellna tifla Sarah, li llum ghandha tlett snin”.*

*“Illi jiena kont ili naf lil Adel Mohamed xi xahar u nofs qabel izzewwigna. Fil-fatt huwa mill-ewwel gharrafni li ma' kellux visa u li jekk jiena ridt nohrog mieghu kelli nizzewwgu minnufih. Dak iz-zmien jiena kien ghad ghandi sittax-il sena biss u kont nghix m'ommi u ma' huti. Meta mort nghid lil ommi li jiena kont ser nizzewweg lil Adel hija qaltli "jekk tizzewweg issa tista’ , titlaqli 'l barra u ma tigix aktar lura". Da parti tieghi ghidtilha li kont deciza li ridt nizzewweg u jekk ma kenitx ser tiffirmali ghaz-zwieg, jiena kont ser immur nghix ma' Adel. Wara inkwiet kbir, ommi u missieri accettaw li jiffirmawli biex jiena nkun nista' nizzewweg”.*

*“Illi mhux biss izda fl-ahhar ommi u missieri kienu accettaw li jiena u Adel naghmlu perjodu qasir nghixu maghhom. Ghalhekk ahna qattajna xi xahrejn nghixu ghand il-genituri tieghi. Niftakar li mill-ewwel il-genituri bdew jiggieldu ma' Adel peress li huwa kien wiccu tost ferm. Fil-fatt huwa ma riedx jahdem u ried semplicement jghix minn fuq dahri u dahar il-genituri tieghi”.*

*“Illi wara xahrejn ahna krejna post ir-Rabat stess u morna nghixu ghal rasna. Ftit zmien wara sab xoghol. Ghall-ewwel zewgi urieni li kien ragel sew pero' meta bdejna nghixu wahedna beda juri snienu. Huwa beda jsakkarni d-dar u hu jitlaq ix-xoghol, ma kienx ihallini mmur ghand il-familjari tieghi, beda jsawwatni, ihallini minghajr flus u fl-istess hin iridni nsajjarlu”.*

*“Illi wara ftit xhur taz-zwieg, jiena spiccajt imwerwra minn zewgi. Kont naghmel kull ma jghidli u sahansitra kien ikolli x'naqsam mieghu bil-biza'. Jiena kont nibza' nghid le.  Xi sitt xhur wara li zzewwigna jiena nqbadt tqila bit-tifla Sarah. Fil-fatt meta kien ikollna relazzjoni intima zewgi kien qed jaghmel biex ikollna t-tfal”.*

*“Waqt it-tqala Adel waqaf isawwatni ghalkemm xorta wahda ma kienx jitrattani tajjeb. Mat-twelid ta' Sarah l-inkwiet rega` beda. Huwa beda jheddidni li jekk ma naghmilx dak li jghidli hu kien ippattihieli bil-qares”.*

*“Illi niftakar li l-akbar inkwiet bejnietna nqala' meta t-tifla Sarah kellha bzonn operazzjoni f'ghajnejha. Jiena ridt li t-tifla tigi operata f'Malta, pero' Adel beda jinsisti li joperaha l-Egittu. Wara glied kbir jiena cedejt li tigi operata l-Egittu anki peress li bzajt x'seta' jigrili li kieku l-operazzjoni f'Malta ma kenitx tirnexxi. Ghalhekk Adel tela' l-Egittu bit-tifla Sarah. Lili ma hadnix mieghu peress li skond hu ma kellniex flus bizzejjed”.*

*“Illi wara ftit jiem Adel cempilli u qalli li lit-tifla ha jhalliha titrabba l-Egittu. Dak il-hin jiena taghni hass hazin u intlift minn sensija. Meta gejt f'tieghi cempilt lil Adel u ghidtlu biex inizzilli lura lil binti. Huwa baqa' jinsisti li ser jirritorna lura Malta wahdu. Dawk kienu l-aghar zminijiet ta' hajt”i.*

*“Illi ta' ragel azzjonitu hazina li hu, Adel verament irritorna lura Malta minghajr it-tifla Sarah. Huwa sahansitra ppretenda li jiena mmur lura mieghu fid-dar taghna. Jiena pero' irrifjutajt u mort nghix lura ghand ommi. Iz-zwieg taghna ghalhekk intemm wara tlett snin”.*

*“Illi m’ghaddewx wisq granet meta Adel avvicinani x-xatt tal-Imsida u beda jheddidni li jekk jiena m'inix ser niffirmalu dikjarazzjoni li ncedi d-drittijiet fuq it-tifla huwa kien ser jehles minni. Jiena ghalhekk, dak il-hin stess mort mieghu u ffirmajt din id-dikjarazzjoni. Lill-Avukat ma kontx ghidtlu li qed jheddidni u li kont qed niffirma peress li kont imbezza` minn Adel”.*

*“Illi illum-il gurnata Adel ghadu qed jghix Malta, filwaqt li l-unika kuntatt li jiena fadalli ma’ binti huma xi zewg telefonati fix-xahar. Recentement Adel rani tas-Sliema u waqqafni u wrieni ritratti ta’ binti fl-Egittu ma’ l-‘gharusa’ tieghu.”*

Illi omm l-attrici, **Maria Anna Mifsud** fl-affidavit taghha tghid:-

*“Illi jiena nigi omm Fiona Mifsud. Fiona hija l-fustanija fost zewg subien. Meta binti ghalqet sittax-il sena hija qaltli li kienet qed tohrog ma` certu Adel Mohammed. Jiena ghall-ewwel oggezzjonajt hafna peress li ma ridtx li binti tohrog*

*ma' persuna ta' nazzjonalita Gharbija. Tant iggilidt maghha u ma' Adel li sahansitra ridt ingib il-Pulizija d-dar biex jitkecca hu, peress li fuq kollox binti kienet ghadha taht l-eta'. Pero` meta rajt li t-tifla qed tinsisti li tkompli tohrog mieghu, jiena kelli ncedi. Ghall-ewwel hsibt li ha tohrog mieghu bhala girlfriend u boyfriend, izda wara ftit granet qaltli "jekk inti ma tiffirmaliex biex nizzewwgu jien nahrablek mieghu".*

*"Illi dan il-kliem kien ixxukjani u ergajt wissejt lil binti biex ma tghaggilx fil-hajja. Mhux biss izda wissejt lil Adel li hu ried jizzewweg tifla u mhux mara, u fuq kollox binti ma kenitx fuq l-istonku tieghi. Min-naha jiena ma ridtx nitlef lill-unika tifla li ghandi u ghalhekk ghal darb'ohra kelli ncedi".*

*"Illi kien ghalhekk li fit-28 ta' Dicembru, 1996, binti Fiona zzewwget lil Adel Mohamed, u dan xi xahar biss wara li bdew johorgu flimkien. Peress li huma ma kellhomx flus, jiena u zewgi accettajna li Adel u Fiona joqghodu maghna ghal ftit gimghat. Wara ftit gimghat huma sabu post ghal kiri, vicin tad-dar tieghi, u ghalhekk marru jghixu ghal rashom".*

*"Illi ghall-ewwel deher li kien kollox mixi sew bejniethom. Fiona kienet iffissata f'Adel tant li f'xi okkazzjonijiet sahansitra nzertajtha terfghu mill-ghatba sal-kcina wara li jigi mix-xoghol. Da parti tieghu huwa kien jghir hafna ghal binti u kien jinsisti li ma tiffrekwentax hbieb".*

*"Wara ftit pero` sirt naf li Adel qed idahhal lil shabu Gharab id-dar. Kont naf li binti kien jibghatha 'l fuq sakemm idumu hemm, imbaghad jghajjtilha biex tinzel tnaddaf warajhom. Jiena qatt ma kellimt lil binti dwar dan peress li hija qatt ma semmitli xejn, ghax fuq kollox dak kien zewgha u kellha taraha din il-haga".*

*"Illi nghid li konna jiena u zewgi li sibna l-post tax-xoghol ta` Adel, dahhalnih jahdem minflok it-tifel taghna. Mhux biss izda ahna konna nghinuhom finanzjarjament. Niftakar li binti qatt ma kien ikollha flus f'idejha, lanqas biex tmur sal-Belt u ghalhekk kont nispicca naghtiha l-flus jien".*

*“Illi fis-16 tal Marzu, 1998, binti Fiona kellha t-tarbija Sarah. Xi sitt xhur wara t-twelid tat-tarbija, ndunajt li hija kellha lazy eye. Ghalhekk jiena u Fiona bdejna mmorru St. Luke`s biex naraw x'kura nistghu naghtuha”.*

*“Illi darba minnhom Adel qalli li Malta m`hawnx tobba tajba u ghalhekk ried li jiehu lit-tifla mieghu l-Egittu biex jaghmlilha operazzjoni hemmhekk. Jiena dak il-hin ma ghidt xejn. Pero` meta sirt naf li Adel kien ser isiefer wahdu bit-tifla, minghajr ma tmur Fiona maghhom, kont irrabjajt ferm. Jiena u l-familjari tieghi sahansitra offrejnilhom il-flus biex issiefer Fiona mieghu, pero' huwa assolutament ma tax kasna”.*

*“Illi meta waslet il-gurnata li kellu jitlaq lejn l-Egittu, jiena wissejtu li kif kien ser jiehu lil Sarah minghajr girfa hekk kellu jgibha lura. Adel weghdni li ser jiehu hsiebha u ghalhekk telaq minn Malta. Din kienet l-ahhar darba li rajt lil Sarah”.*

*“Illi meta beda ghaddej iz-zmien, ahna konna ncemplu ta` spiss biex naraw xi progress qed isir. Adel kien dejjem igib l-iskuzi li t-tifla ghadha bil-kura. Ghalhekk ahna bdejna ninkwetaw li mhux ser igibha lura. Fil-fatt wara xi xahar Adel irritorna lura Malta minghajr it-tifla. Dak il-hin stess binti Fiona telqet mid-dar taghha u giet tghix lura ghandi. Hija ghamlitha cara lil Adel li jekk mhux ser igibilha lura t-tifla hija ma kenitx ser tirranga mieghu. L-ghada bl-inkwiet jiena dhalt l-Isptar inbati b`qalbi”.*

*“Minn dak iz-zmien sal-llum sa fejn naf jien Adel iffrekwenta nisa ohra, u llum wasal biex jizzewweg tfajla minn pajjizu.”*

Ili missier l-attrici, **Charles Mifsud** fl-affidavit tieghu jghid:-

*“Illi nigi missier Fiona Mifsud li hija l-fustanija fost tlett itfal. L-inkwiet bejni u bejn binti Fiona beda` meta hija ghalqet sittax-il sena. Jiena sirt naf li Fiona kienet qeghda tohrog ma` persuna ta` nazzjonalita Gharbija. Peress li f'diversi okkazzjonijiet smajt nies igergru kontra l-Gharab ghax*

*jghidu li dawn juzaw lit-tfajliet u jitilquhom, jiena wissejt severament lil binti f'dan is-sens".*

*"Illi fil-fatt fil-bidu tar-relazzjoni taghha ahna konna niggieldu kuljum u jiena sahansitra heddidtha li jekk ma titilqux kont ser nirrapurtah lill-Pulizija li qieghed Malta minghajr visa. Niftakar li binti kienet qaltli " jekk tkecci lilu, tkun keccejt lili , ghax nahrab warajh" .Nammetti li f`dak il-mument Fiona gabitni bejn haltejn, peress li hija l-unika tifla li ghandi bejn zewg subien u ghalhekk ma ridtx nitlifha".*

*"Illi kien ghalhekk li jiena accettajt, kontra qalbi, ir-relazzjoni taghha ma` Adel Mohammed. Fi zmien ftit granet Fiona gharrfitni li hija riedet tizzewweg lil Adel peress li kellu l-problemi bil-visa. Jiena kont diga' rrasenjajt ruhi li binti ma riditx titilqu lil Adel u ghalhekk accettajt li mmur maghha, l-Insinwa biex niffirmalha l-awtorizzazzjoni ghaz-zwieg peress li kienet ghadha taht l-eta`. Niftakar li l-ufficjal tal-Insinwa regal rrepeta l-istess diskors u twissijiet li jiena kont ghidt lil Fiona ftit jiem qabel. Ghalhekk huwa taha gimgha cans biex terga` tahseb dwar dak li riedet taghmel. Wara gimgha Fiona kienet ghadha determinata li tizzewweg lil Adel u b`hekk huwa jkun jista' jibqa` Malta. Kien ghalhekk li jiena awtorizzajtha li tizzewwgu".*

*"Illi nikkonferma li fit-28 ta` Dicembru,1996, binti Fiona zzewwget lil Adel Mohammed fir-Registru Pubbliku, il-Belt. Jiena u ommha, flimkien ma' zewg xhieda ta' nazzjonalita` Gharbija, konna prezenti ghaz-zwieg. Niftakar li tant l-affarijiet saru bl-ghagla li lanqas biss organizzajna festin ghal wara t-tieg. Kienet qiesha gurnata normali ghalina".*

*"Illi peress li binti u Adel ma kellhomx fejn joqghodu, jiena u marti offrejnielhom li jigu joqghodu maghna ghal perjodu qasir. Huma damu jghixu maghna ghal xi xahrejn wara liema perjodu krew post vicin id-dar taghna".*

*"Illi niftakar li Adel kien dejjem iwissi lil Fiona biex mill-ghatba 'l gewwa ma ddahhalx hbieb. Jiena s`hemmhekk kont naqbel peress li mill-hbieb jibdew il-kunfidenzi. Wara*

*ftit pero' sirt naf li kien qed ikun Adel stess li qed igib lil shabu l-Gharab id-dar ta` binti. Huma kienu jsajrulhom, pero` lil binti kien ikeccieha 'l fuq meta jasal il-hin ta` l-ikel. Binti spiccat qisha seftura ta' Adel u shabu".*

*"Illi fis-16 ta` Marzu, 1998, binti Fiona kellha tarbija li semmietha Sarah. Bhala l-ewwel neputija taghna, jiena u marti, kif ukoll ommi kellna d-dinja b'din it-tifla. Fil-fatt ahna xtrajnilha l-affarijiet kollha necessarji ghat-trabi u Adel da parti tieghu ma xtralha xejn".*

*"Illi niftakar li l-ewwel incident inqala' meta marti staqsiet lil Adel meta ser jghammed lit-tarbija. Huwa bir-rabja rrispondieha li t-tarbija ser titrabba bir-religjon Musulmana u anke meta tikber jibghatha skola tal-Gharab u mhux tal-Maltin. Ahna konna rrabjati ferm ghal dan id-diskors peress li Abel qabel ma zzewweg lil binti kien weghdna li t-tfal li ser ikollhom ser jitrabbew fir-religjon Kattolika".*

*"Illi ezatti wara t-twelid tat-tarbija, Adel beda` jitraskura aktar lil binti. Fil-fatt huwa baqa` jhallieha minghajr flus. Kien jaghmel xirja darba fil-gimgha u jaghti Lm2 lil binti biex tixtri l-bzonnijiet ta` kuljum. Ovvjament dawn iz-Lm2 ma kinux iservu u ghalhekk kemm-il darba jiena u marti spiccajna naghtu l-flus lil Fiona".*

*"Illi darba minnhom it-tarbija Sarah spiccat ma tiflahx ferm tant li xi girien ta` Fiona marru ghandha. Da parti taghha Fiona cemplet lil Adel u gharrfitu li hija ma kellhiex flus biex iggib tabib privat jew biex twassal lit-tarbija l-Isptar. Adel irrifjuta li jigi lura d-dar dak il-hin stess u qal lil binti "zomm lit-tarbija fuq is-Seven Up sakemm nigi lura". Naf li wahda mill-girien ta` Fiona tant thassritha li tatha l-flus biex iggib it-Tabib".*

*"Illi aktar ma beda` jghaddi z-zmien, aktar bdejt insir naf li binti qed tinhaqar minn zewgha. Fil-fatt huwa kien ta` spiss isawwatha u jsakkarha gewwa, kif ukoll kien jipprojbilha li tohrog maghna. Jiena ghall-ewwel ma xtaqtx nindahal fil-hajja familjari taghhom, pero` ovvjament kont inhoss ferm ghal binti".*

*“Illi darba minnhom ommi nnutat li Sarah kellha xi problemi f`ghajnejha. Ghalhekk hija ghamlitilha appuntament l-Isptar u minn hemmhekk gharrfuha li t-tifla kellha bzonn operazzjoni qabel taghlaq it-tlett snin. Ahna ovvjament konna ser naghmlulha l-operazzjoni l-Isptar San Luqa u dan sakemm Adel gie u qalilna li lil Sarah kien ser jehodha l-Egittu biex taghmel l-operazzjoni peress li t-tobba ta` Malta, skond hu, m`humiex tajbin. meta jiena rajt li binti m`oggezzjonatx ghal dan, da parti tieghi ma stajt naghmel xejn. Pero` nammetti li kont inkwetat ferm dwar din id-decizjoni”.*
*“Illi niftakar li jiena kont incempel kull gimgha biex nara xi progress qeghda taghmel Sarah. Ghall-ewwel Adel kien jghaddili l-informazzjoni dwar in-neputija tieghi, pero` huwa dejjem kien igib xi skuza biex jiena ma nkellimhiex.*
*Wara xi erba' gimghat l-Egittu, Adel gharrafni li lil Sarah kien ser ihalliha hemmhekk ma' ommu. L-ewwel qalli li kien ser ihalliha minhabba xi kura, pero' imbaghad infexx jghidli li dik bintu u riedha titrabba f'pajjizu. Niftakar li jiena kont illetikajt mieghu fuq it-telefon, pero` huwa xorta wahda rritorna lura lejn Malta minghajr it-tifla”.*

*“Illi da parti tieghi jiena ssugerejt lil Fiona biex tiehdu bil-hlewwa u tipprova tikkonvincih biex igib lura lit-tifla, pero` hija ma felhitx izjed u malli rritorna lura lejn Malta keccietu mid-dar. Minn dak iz-zmien sal-llum it-tifla Sarah baqghet tghix mal-familja ta` Abel u binti sseparat minn zewgha.”*

**(ii) PRINCIPJI LEGALI.**

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob li z-zwieg taghha mal-konvenut jigi ddikjarat null u bla effett *stante* li qed issostni li l-istess zwieg kien vizzjat peress li l-partjiet kellhom difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u / jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu; rabtu l-kunsens taghhom ghall-kundizzjoni li tirreferi ghall-futur; il-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dan kollox *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (g)** u / jew **(d)** u / jew **(f)** tal-**Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.**

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:-

"**Artikolu 19 (1**) *B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi l-ahhar stipulazzjoni li fuqha hija bbazata l-azzjoni attrici hija dik *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (g)** li tipprovdi li z-zwieg huwa null:-

*"(g) jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur".*

Illi artikolu **19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi ghar-rigward tal-istess **artikolu 19 (1) (d)** mill-provi migbura jirrizulta li l-kontendenti, qabel ma zzewgu, ma kkunsidrawx bis-serjeta' l-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. Fil-fatt inghad li l-kuncett ta' d-diskrezzjoni ta' gudizzju **"***supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions*

*responsibly. A person must possess* a *critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly"* .

*"Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961 Sabattani held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'amentia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage…….. Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity……"*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard*** fit-trattat **'L'Immaturite' et le Consentement Matrimonial"** (pg. 54-55***)*** jghid is-segwenti*:*-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar, 2000); **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002; **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002; **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) u diversi sentenzi ohrajn u

tirreferi u taddota ghalhekk l-istess principji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid :-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring.* ***(Viladrich, P.J.*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"** *(Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*"Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and*

*irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics".* (***Viladrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi applikati dawn il-principji ghall kaz odjern jidher li l-attrici izzewget f'qasir zmien lill-konvenut meta hija kellha biss sittax (16) il-sena u din l-ghagla kollha saret ghaliex il-konvenut insista maghha li sabiex toqghod mieghu hija kellha tizzewgu peress li huwa stranjier u ma ma kellhux visa biex joqghod hawn Malta. Wara li zzewgu, bla ebda preparamenti ta' xejn, tant li lanqas post fejn joqghodu ma kellhom, l-istess konvenut beda jimmaltratta lill-attrici b'diversi modi u bizzejjed wiehed jirreferi ghax-xhieda fuq riportatata fedelment kif prodotta quddiem din il-Qorti, biex wiehed jara ghal xiex l-istess konvenut issoggetta lill martu, tant li gabha ezatt bhala skjava, taghmel dak biss li jghid huwa u xejn izjed; jirrizulta li anke kontroll fuq l-unika wild taghhom ha l-konvenut, tant li ha lill-minuri l-Egittu, fejn mill-provi jidher li ghada hemm sallum ghaliex ried li jrabbi lill-bintu bhala musulmanna, u dan kontra dak li kien wieghed qabel iz-zwieg.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-attrici ma kellhiex, anke minhabba l-eta' tenera taghha u wkoll minhabba l-pressjoni li ghamel fuqha l-konvenut li halliet effett fuqha minhabba l-infattwazzjoni li hija kellha lejh, id-diskrezzjoni necessarja sabiex tidhol f'dan iz-zwieg, li kien zwieg ta' konvenjenza ghall dak li jirrigwarda l-permanenza tal-konvenut f'dan il-pajjiz.

Illi *di piu`* jirrizulta li l-konvenut uza lill-attrici biex tizzewgu biss sabiex huwa jkun jista' jghix u jirresjedi hawn Malta u jottjeni l-visa u l-ebda skop iehor u certament mhux dak li jghix hajja ta' komunjoni ta' familja ma' l-attrici, li ma waqafx jimmaltratta sakemm dam maghha, u dan b'kull mod immaginabbli, kif wiehed jista' jara mix-xhieda tal-attrici u tal-genituri taghha; dan ma kienx bizzejjed ghaliex l-istess konvenut cahad bil-forza lill-attrici mit-trobbija ta' bintha li lanqas ghada f'dan il-pajjiz, u din inkwetat mhux ftit lill din il-Qorti. Dan juri li fil-mument taz-zwieg l-istess

konvenut ukoll ma kellux id-diskrezzjoni necessarja sabiex jidhol ghal tali zwieg validament peress li mohhu kien biss li jibqa’ Malta.

Illi dan kollu huwa ghal kollox distint u differenti minn dawk li gew skond il-gurisprudenza nostrali kkonsiderati bhala d-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, tant li fis-sentenza **“Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed”** (P.A. (NA) 27 ta’ Lulju 1999) inghad li:-

*“Fil-kawza **“Haidin vs Haidin”** (PA. (Q.K) 7 ta’ Lulju 1994), il-Qorti qalet illi m’ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta’ l-kumplament ta’ hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita’ tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li verament ikun irid johloq ‘a partnership for life’”.*

*“Mill-gurisprudenza nostrana, jista’ jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta’ taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta’ u l-assistenza, l-unita’ u l-indossubilita’ taz-zwieg, il-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta’ l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta’ ghajnuna u ta’ assistenza lil xulxin, b’impenn shih a favur ta’ xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-‘communio vitae’. Fil-kawza **“Micallef vs Micallef”** deciza fl-4 ta’ Mejju 1993, il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi ‘element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja (‘communio vitae’) bejniethom”.*

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *(“colorem habens, substantiam vero nullam”)* kif

ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frazi "*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazjoni totali jrid jigi ppruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A.14 ta' Awissu 1995) il-Oorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Theuma vs Luigi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol. X p. 912) :-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci*

*jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabilta` tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"consortium vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabilta' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossolubilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresuponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubilta' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J*. Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*,** fil-kummentarju tieghu (***D.J. Burns***, "**Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary".** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubilita') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li inghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe':-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero' fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori iz-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi ghalhekk jidher li l-konvenut resaq ghal dan iz-zwieg ghar-ragunijiet precizi tieghu li jibqa' hawn Malta u xejn izjed, totalment indipendenti minn dak li huwa kien jew seta` jhoss ghall-attrici, u dan huwa ghal kollox distint u differenti minn dawk li gew skond il-gurisprudenza nostrali konsiderati bhala d-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, tant li fis-sentenza **"Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed"** (P.A. (NA) 27 ta' Lulju 1999) inghad li:-

*"Fil-kawza **"Haidin vs Haidin"** (PA. (Q.K) 7 ta' Lulju 1994), il-Qorti qalet illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li verament ikun irid johloq 'a partnership for life'".*

*"Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta' u l-assistenza, l-unita' u l-indossolubilta' taz-zwieg, l-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn biss a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-'communio vitae'. Fil-kawza **"Micallef vs Micallef'** deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi mill-provi prodotti, li *di piu'* ma huma bla ebda mod kkontestati mill-konvenut assenti, lanqas *tramite* l-kuraturi deputati, li *nonostante* li ppruvaw jikkomunikaw ma' l-assenti, dan kien kollu ghal xejn, jirrizulta li dan kien zwieg

ta' konvenjenza, fejn l-unika kunsiderazzjoni li hadu l-kontendenti sabiex izewwgu kienet biss li sabiex il-konvenut ikun jista' jkompli jghix hawn Malta huwa kellu jizzewweg. Fil-fatt hekk sar ghalkemm xorta fl-ahhar mill-ahhar dan is-sembjanza taz-zwieg tfarrak ghaliex ma kien hemm xejn fil-kuntratt u kollox kien verament simulat.

Illi hawn wiehed jirreferi ghas-sentenzi ricenti ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Lydia Musu' vs Dr. Ian Spiteri Bailey"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002) u **"Francis Agius vs Dr. Christopher Cilia *et*"** (P.A. (RCP) 8 ta' Ottubru 2002) fejn inghad li *" huwa sintomatiku li wiehed jirreferi ghas-sentenzi **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (N.A.) 31 ta' Mejju 2000) u **"Carmen El Shimi gja` Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (N.A.) 20 ta' Gunju 2000) u **"Marica Bouchhioua vs Farhat Ben Mohammed Bouchhioua"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002) fejn inghad li fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista c-cittadinanza Maltija jew / u d-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulat peress li eskluda pozittivament iz-zwieg innifsu"*.

Illi l-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza **"Marica Bouchhioua vs Farhat Ben Mohammed Bouchhioua"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002) fejn inghad li:-

*"Illi min-naha l-ohra l-konvenut kellu f'mohhu haga wahda biss u cjoe' li juza lill-attrici sabiex jakkwista stat ta' mizzewweg lill-Maltija u b'hekk ikun jista' jkollu d-dritt ta' moviment hawn Malta u jibqa' jghix Malta, …………….. Kull diskrezzjoni ta' gudizzju fuq kull element taz-zwieg, anke l-iktar wiehed minimu ta' konvivenza almenu apparenti kien ghalhekk ghal kollox nieqes mill-istess konvenut".*

Illi dan jidher li japplika wkoll ghall-kaz odjern *stante* li mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut kellu ghan wiehed li jizzewweg u dan sabiex jghix Malta u, u sab lill-attrici nfattwata fuqu u inesperta ghall kollox sabiex takkomodah f'din ix-xewqa tieghu, cirkostanzi dawn li qatt ma

ghandhom iwasslu ghall-pass taz-zwieg u dan ghaliex z-zwieg li huwa istituzzjoni serja u nobbli fiha nnifisha, li ma jippermettix li jigi utillizat u abbuzat b'dan il-mod u inqas u inqas ghal skopijiet egoistici tal-konvenut sabiex jakkwista l-permenanza tieghu f'dan il-pajjiz, u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li dan, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, ma huwa zwieg xejn, u qatt ma kellu l-elementi essenzjali li jikkostitwixxu l-istess.

Illi ghalhekk in vista tal-premess jirrizulta li l-istess zwieg ghandu jigi dikjarat null abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255.**

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (g) jinghad** skond ***J. Edward Hudson*** *"a condition could either be suspensive or resulutive. It is suspensive if it delays the entry in effect of the obligation of an act until the condition itself is fulfilled. It is resolutive if it dissolves the obligation only if it verifies itself and therefore renders it null. e.g. "I will live in marriage with you until I find someone who is more wealthy than you"* (**"Handbook II for Marriage Nullity Cases"** pg. 107). Illi huwa mportanti li wiehed jinnota li din l-kundizzjoni tapplika biss ghall-kaz ta' annullament taz-zwieg jekk din il-kundizzjoni tirreferi ghall-avveniment fil-futur, pero' abbazi tal-provi prodotti ma jidhirx li dan l-element gie ppruvat u ghalhekk it-talba attrici fuq din il-bazi qed tigi michuda.

Illi dwar dan is-subartikolu din il-Qorti ma thoss li hemm bzonn tezamina l-istess stante li z-zwieg gja gie dikjarat null abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255,** ghalkemm mill-provi prodotti ma jidhirx li c-citazzjoni attrici hija bbazata fuq l-istess.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

**1.** Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut civilment fit-28 ta'

Dicembru 1996 huwa null u bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**